StudentBounty.com

ID-DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
Id-Dipartiment tal-Kurrikulu u l-eLearning
It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv
**L-Eżamijiet Annwali għall-Iskejjel Sekondarji 2013**

Rott

## IR-RABA' SENA IR-RELIĠJON IL-ĦIN: SIEGĦA U NOFS

**L-Isem: _____________________________________** **Il-Klassi: _______________**

### TAQSIMA 1 (10 marki)

**Agħmel sinjal taħt il-kelma t-tajba.**

**Eż.** Il-pajjiż fejn kien jgħix Ġesù kien jismu l-(**Palestina**, Marokk, Alġerija).

1. Permezz (tat-tgawdija, tar-reliġjon, tal-ikel żejjed) il-bniedem jgħix ħajja aktar bis-sens.
2. Wieħed mill-allat popolari tal-Induwiżmu huwa (Budda, Brahma, Muħammed).
3. (Muħammed, San Pietru, Siddharta Gautama) waqqaf il-Buddiżmu.
4. Għalina l-Insara (l-Bibbja, l-Koran, t-Torah) huwa ktieb qaddis li jurina l-Kelma t'Alla.
5. L-aħħar ktieb tal-Bibbja nsejħulu (l-Ġenesi, l-Apokalissi, l-Eżodu).
6. Wieħed mill-erba' evanġelisti kien (San Filippu, San Tumas, San Mattew).
7. Meta (qam mill-mewt, kien jitlob, kien jgħallem) Ġesù wera li huwa kien tassew Alla.
8. Fil-festa ta' (Corpus, Pentekoste, Kristu Re) aħna l-Insara nfakkru t-twelid tal-Knisja.
9. Ġesù ħalla lil (San Pietru, San Ġwann, San Ġakbu) bħala l-ewwel kap tal-Knisja.
10. Lill-Knisja Ġesù jsejħilha (d-dar, l-familja, l-art) t'Alla f'din id-dinja.

### TAQSIMA 2

**Imla l-vojt bil-kelmiet provduti.** **(10 marki)**

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| **l-qawmien** | **Qaddis** | **dnubietek** | **maħfra** | **is-sliem** |
| **ministeru** | **is-saċerdot** | **Qrar** | **tal-Iben** | **id-dinja** |

It-talba li juża ____________________ li permezz tagħha jinħafru d-dnubiet tagħna waqt is-sagrament tal-____________________ tgħid hekk:



'Alla Missier il-ħniena, bil-mewt u ____________________ ta' Ibnu għall-ħajja, ħabbeb mill-ġdid ____________________ miegħu u sawwab fuqna l-Ispirtu ____________________ tiegħu għall-____________________ tad-dnubiet. Hu, bil-____________________ tal-Knisja, jaħfirlek u jagħtik ____________________. U jiena naħfirlek ____________________, fl-isem tal-Missier u ____________________ u tal-Ispirtu s-Santu.'



www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**TAQSIMA 3** **(1**

**Qabbel kolonna A ma’ kolonna B. L-ewwel waħda hija eżempju.**

| | KOLONNA A | | KOLONNA B |
|---|---|---|---|
| **1.** | Ġesù kellu tnax-il ħabib | | insejħulu d-dnub tan-nisel jew id-dnub oriġinali. |
| **2.** | Il-Bibbja hija magħmula | | billi jwettaq il-Pjan tas-Salvazzjoni. |
| **3.** | Fil-ktieb tal-Ġenesi nsibu | | insibuha fil-ktieb tal-Eżodu. |
| **4.** | Id-dnub li għamlu l-ewwel bnedmin | | mill-mirakli li kien jagħmel. |
| **5.** | Alla ried ipatti għad-dnub tal-bniedem | | ta’ tixbihat li nsejħulhom parabboli. |
| **6.** | Mosè ħeles lill-poplu Lhudi | **1** | li kien isejħilhom Appostli. |
| **7.** | L-istorja ta’ Mosè u l-poplu Lhudi | | l-istorja tal-ħolqien tad-dinja. |
| **8.** | Ġesù wera li kien aktar minn bniedem | | permezz tas-sagrament tal-Magħmudija. |
| **9.** | Ġesù kien jgħallem permezz | | tifkira tal-mewt u l-qawmien tiegħu. |
| **10.** | Aħna nidħlu fil-familja ta’ Ġesù | | minn 73 ktieb. |
| **11.** | Fl-Aħħar Ċena Ġesù ħallielna | | mill-jasar fl-Eġittu. |

**TAQSIMA 4** **(24 marka)**

**Ikteb paragrafu ta’ madwar 30 kelma fuq kull wieħed minn dawn il-personaġġi. Il-kliem li hemm fil-kaxxa jista’ jintuża.**

1. ABRAHAM

| | | |
|---|---|---|
| ħajja nomada | Alla jsejjaħlu | fiduċja sħiħa |
| missier ġens kbir | kellu iben | sagrifiċċju |



*(6 marki)*



www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

2. MOSÈ

| | | |
|---|---|---|
| ix-xmara Nil | għollieq jaqbad | għaxar kastigi |
| il-ħelsien tal-Lhud | l-ikla tal-Għid | il-muntanja Sinaj |



*(6 marki)*

3. DAVID

| | | |
|---|---|---|
| is-sultan Sawl | Ġesse | il-merħliet |
| il-ġgant Gulija | l-aqwa sultan | is-salmi |



*(6 marki)*

4. MARIJA – OMM ĠESÙ

| | | |
|---|---|---|
| twieldet bla dnub | Nazaret | l-Anġlu Gabrijel |
| Omm Ġesù | l-ewwel miraklu | imtellgħa s-sema |



*(6 marki)*



www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**TAQSIMA 5**

**Wieġeb dawn il-mistoqsijiet.**

**1.** i) Semmi żewġ reliġjonijiet mhux Insara.

a)_________________________________________________________________________*(marka)*

b)_________________________________________________________________________ *(marka)*

ii) Semmi ż-żewġ fatturi ewlenin li għandu jkollna biex nemmnu fir-reliġjon b'mod sħiħ.

a)_________________________________________________________________________*(marka)*

b)_________________________________________________________________________ *(marka)*

iii) X'inhu Konċilju Ekumeniku?

_________________________________________________________________________*(2 marki)*

**2.** i) Min għamel l-ewwel traduzzjoni tal-Bibbja bil-Malti?

_________________________________________________________________________*(marka)*

ii) Liema huma ż-żewġ taqsimiet ewlenin tal-Bibbja?

a)_________________________________________________________________________*(marka)*

b)_________________________________________________________________________ *(marka)*

iii) Xi jfisser meta ngħidu li l-Bibbja hija ispirata?

_________________________________________________________________________

_________________________________________________________________________*(2 marki)*

**3.** i) X'jismu l-ewwel ktieb tal-Bibbja?

_________________________________________________________________________*(marka)*

ii) Semmi wieħed mill-messaġġi ewlenin li Alla ried iwasslilna permezz tal-ġrajja tal-ħolqien.

_________________________________________________________________________*(marka)*

iii) Għalfejn il-verità xjentifika u l-verità reliġjuża jridu jimxu id f'id fir-rakkonti bibliċi?

_________________________________________________________________________

_________________________________________________________________________*(2 marki)*



www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**4.** i) Għaliex it-tifla tal-Fargħun semmiet lit-tifel li sabet fix-xmara Mosè?

_______________________________________________(m

ii) X'ried Alla mingħand Mosè meta sejjaħlu mill-għollieq jaqbad bin-nar bla ma jintemm?

_______________________________________________*(marka)*

iii) X'jgħid l-ewwel kmandament li Alla ta lill-poplu Lhudi?

_______________________________________________*(marka)*

**5.** i) Semmi **żewġ** kwalitajiet ta' bniedem li kellu Ġesù.

a)_______________________________________________*(marka)*

b)_______________________________________________ *(marka)*

ii) Semmi **żewġ** kwalitajiet li permezz tagħhom Ġesù wera li kien verament Alla.

a)_______________________________________________*(marka)*

b)_______________________________________________ *(marka)*

iii) X'ġie konkluż fil-Konċilju ta' Niċea dwar il-persuna ta' Ġesù Kristu?

_______________________________________________*(marka)*

**6.** i) Fisser għaliex lill-Knisja Ġesù jxebbahha ma' ragħaj li jieħu ħsieb il-merħla tiegħu.

_______________________________________________*(marka)*

ii) X'jissejjaħ is-sagrament li permezz tiegħu wieħed jista' jsir saċerdot?

_______________________________________________*(marka)*

iii) Semmi **waħda** mill-ħidmiet jew setgħat speċjali li Ġesù ħalla lill-Appostli tiegħu u li għadha sal-lum taħdem fil-Knisja.

_______________________________________________*(marka)*





www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**TAQSIMA 6** **(20 m**

**Agħżel MISTOQSIJA minn dawn it-tnejn li ġejjin (1 a, b, c, d JEW 2 a, b, c, d).**

**1. Ġesu jfittex u jilqa’ l-midinbin**





**F’madwar 150 kelma wieġeb dawn il-mistoqsijiet fuq karta separata.**

a) Irrakkonta fil-qosor ġrajja fejn Ġesù wera biċ-ċar li f’ħajtu kien ifittex lill-midinbin biex jerġgħu jimxu fit-triq it-tajba. *(5 marki)*

b) Il-Qrar huwa sagrament li għandu aktar minn isem wieħed. Semmi **żewġ** ismijiet oħra li nagħtu lil dan is-sagrament u fisser fi kliemek **tliet** effetti tiegħu**.** *(5 marki)*

c) Semmi x’għandna nagħmlu biex inqerru tajjeb. *(5 marki)*

d) Fit-talba tal-Missierna aħna nitolbu lil Alla biex *“jaħfrilna dnubietna bħalma aħna naħfru lil min hu ħati għalina”*. Fisser dan il-kliem u agħti **tliet** eżempji meta inti ħfirt lil ħaddieħor. *(5 marki)*

**JEW**

**2. L-Aħħar Ċena ta’ Ġesù**



**F’madwar 150 kelma wieġeb dawn il-mistoqsijiet fuq karta separata.**

a) Irrakkonta fil-qosor il-ġrajja tal-Aħħar Ċena li Ġesù għamel mal-Appostli. *(5 marki)*

b) Għaliex Ġesù juża l-kliem *“Agħmlu dan b’tifkira tiegħi”* waqt l-Aħħar Ċena? *(5 marki)*

c) Agħti **żewġ** raġunijiet għala bħala Nsara nagħtu importanza speċjali lill-Ewkaristija f’jum il-Ħadd. *(6 marki)*

d) Agħti **żewġ** eżempji kif bħala Nisrani tista’ ġġedded l-Ewkaristija fil-ħajja tiegħek billi tagħmel il-ġid lill-oħrajn. *(4 marki)*

**TMIEM IL-KARTA**



www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers